# Ħsejjes Ħajja

Clifton Azzopardi

Mhuwiex
il-ħoss tal-vaguni
meħjuta ħarir,
ħerġin
mill-mina mudlama
tal-istrument,
li jagħti 'l-*jazz*
bixra organika.

Anqas il-fatt
li min jinseġ dan-noti
ġieli jħit b'urġenza ta' flien
għaddej jiġri f'kuritur twil,
bit-tir li jitfi kitla tnewwaħ
fuq il-kuker tal-gass
fit-tarf l-ieħor.

U lanqas
li min jinseġ dan-noti
ġieli jinsiġhom
b'lajma immortali
ta' borma ttektek ikel
għal mejda mistednin
li għadhom fil-ġuf.

Iżda huwa l-fatt
li l-*jazz* miegħu ma jġorrx bagalji,
ma jġorrx kamera tar-ritratti.
Il-*jazz* miegħu ma jġorrx
il-verdett tal-qarrejja tax-xorti.

Jissawwar mill-mument,
fil-mument.
Il-*jazz* bħall-ilma.
Il-*jazz* hu ilma.